**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis, 20 ta' April 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 50/2015JVC**

**Antonia Formosa u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2016 il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq Johnnie Azzopardi stante l-interdizzjoni ta' Antonia Formosa tal-15 ta' Jannar 2016 u John Azzopardi**

**Vs**

**Dr David u Karen konjugi Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li ppremettiet:-

1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' dar fi Triq Simar, Qala, Ghawdex.

2. Illi fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u hmistax (2015) l-intimati qabdu u wahhlu *pipe* li qieghed jesporgi f'gandott fil-hajt divizorju intiz sabiex jiehu u jircievi l-ilma li jaqa' fuq il-bjut tal-intimati u jinkalanah ghall-post maghzul minnhom.

3. Illi dawn ix-xoghlijiet saru lkoll minghajr il-kunsens tal-esponenti.

4. Illi dan l-agir jikkostitwixxi disturb fil-pussess tal-esponenti stante li fost ohrajn qieghed jassuggetta l-proprjeta' fil-pussess tal-esponenti sabiex tircievi l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-proprjeta' tal-intimati.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti billi fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u

hmistax (2015) u fil-granet ta' wara, wahhlu *pipe* sabiex il-gandott li l-intimati ffurmaw fil-hajt divizorju jiehu u jircievi ilma li jaqa' mill-bjut tal-intimati u jferrghu ghal fuq il-proprjeta' fil-pussess tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex f'perjodu qasir u perentorju illi jigi prefiss, jirreintegraw lill-atturi fil-pussess pien ta' hwejjighom, u dan billi jaqilghu l-*pipe* li l-intimati wahhlu;

3. Fin-nuqqas illi l-intimati jezegwixxu x-xoghlijiet fiz-zmien koncess lilhom, tawtorizza, lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet a spejjez tal-intimati, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit u arkitett civili nominandi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali precedentement ipprezentata mill-atturi kontra l-intimati, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-intimati ngunti.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr David u Karen konjugi Muscat li eccepew:

Dwar il-fatti:

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati billi Antonia Formosa ilha snin ma tersaq lejn id-dar in kwistjoni u John Azzopardi ma jezercita ebda pussess f'ismu proprju tal-istess dar;

2. Illi kwantu ghall-fatti dikjarati fit-tieni u t-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, fis-7 ta' Gunju 2015 ma twahhal ebda *pipe* kif qed jghidu l-atturi;

3. Illi kwantu ghar-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, sa fejn jafu l-esponenti ebda ilma tax-xita ma hu qed jaqa' fid-dar li taghha l-atturi qed jirreklamaw il-pussess u l-ilma tax-xita ghadu qed jigi dirett bl-istess kors li ilu jiehu ghal snin twal;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-eccipjenti ghandhom is-segwenti eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici:

1. Illi preliminarjament trid tingab prova li Antonia Formosa tat il-kunsens taghha u aderiet ruhha sabiex issir din il-procedura u f'kaz li dawn jirrizultaw nieqsa l-esponenti jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-istess Antonia Formosa;

2. Illi l-attur John Azzopardi ma ghandux il-pussess rikjest mil-ligi biex ikun jista' jezercita azzjoni ta' spoll fl-isem tieghu proprju u ghalhekk jonqos element essenzjali tal-azzjoni u jiddifetta ukoll l-interess guridiku da parti tal-istess John Azzopardi;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni hija perenta a tenur tal-Artikolu 535 tal-Kap 16 u 791 tal-Kap.12;

4. Illi la Antonia Formosa u lanqas John Azzopardi ma ghandhom il-pussess jew il-pussess esklussiv tal-hajt li jissemma fir-rikors guramentat u ma jistghux jippretendu li jcahhdu lill-esponenti mill-pussess li dawn tal-ahhar certament ghandhom tal-istess hajt;

5. Illi fil-mertu l-esponenti ma kkommettew ebda spoll kif qed jigi allegat;

6. Illi l-ilma tax-xita mhux qed jigi dirett ghall-ebda propjeta' hlief dik tal-esponenti stess;

7. Illi l-esponenti jipprotestaw ruhhom ghall-ispejjez minhabba illi l-atturi meta baghtu l-ittra ufficjali numru 471/2015 ma tkellmux dwar il-*pipe* mertu tal-kawza odjerna izda bensi' dwar gandott fil-hajt li jifred il-proprjeta' tal-esponenti mill-isqaq;

8. Illi kull wahda minn dawn l-eccezzjonijiet qed tinghata ndipendentement u separatament mill-ohrajn u minghajr pregudizzju ghall-ohrajn;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, ritratti u provi kollha pjuttost voluminuzi fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta Novembru, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom mill-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ta' allegat spoll fejn l-atturi qed jallegaw illi pajp li jidher fir-ritratti a fol. 6 tal-process twahhal mill-konvenuti fid-data tas-7 ta' Gunju, 2015 u li skont l-atturi dan ma kienx hemm qabel. Ghalkemm fl-atti jissemma wkoll il-kanal tal-ilma li ghalih jaghti dan il-pajp daqs li kieku parti mill-ispoll fil-fatt jirrizulta li l-attur John Azzopardi stess jammetti fix-xhieda tieghu a fol. 192 u fol 210 li dan il-kanal tal-ilma sar fis-sena 2013 u ghaldaqstant certament ma jistax ikun formanti parti mill-ilment ta' spoll tal-atturi sentejn wara.

Il-konvenuti jichdu li l-pajp sar fis-7 ta' Gunju 2015 anzi jsostnu li dan kien ilu hemm sa minn qabel xtraw il-proprjeta' taghhom fis-sena 2006 (ara l-affidavit tal-konvenut David Muscat a fol. 134 et seq). Jsostnu li dan kien sar mis-sid precedenti certu Romain Steven li mal-affidavit tieghu a fol. 177 et seq sahansitra annetta ritratti li jmorru lura snin (bejn is-sena 1986 meta xtara hu u qabel is-sena 2006 meta nbieghet), partikolarment ir-ritratt NS 3 li juri pajp fil-posizzjoni tal-pajp li fuqu jilmentaw l-atturi fir-ritratti a fol. 6 tal-process. Il-konvenuti jsostnu anki kif korroborati mix-xhieda tal-haddiem taghhom Simon Camilleri (fol. 241 et seq u 83 et seq) illi l-pajp ezistenti tkisser bi zball fl-ahhar ta' Mejju, 2015 waqt li kien qed jinqala' saqaf tal-hgieg b'koppla li kien jinsab fil-bitha tal-konvenuti (ara ritratti a fol. 151) u li kien iserrah mal-hajt in kwistjoni u li fl-1 ta' Gunju, 2015 twahhal pajp iehor li ghalkemm mhux identiku, twahhal fil-proprjeta' tal-konvenuti u bl-istess mod li jwassal l-ilma li jiskula mill-veranda tal-konvenut ghal gewwa l-kanal li l-istess attur jammetti li kien jezisti fis-sena 2013. A fol. 255 dan ix-xhud jikkonferma li l-pajp rega' twahhal fl-1 ta' Gunju, 2015 u prova ta' hekk prezenta cekk li nhareg b'dik id-data bhala pagament ta' xoghlijiet li saru dakinhar inkluz il-hajt. Il-

konvenut ukoll prezenta in korroborazzjoni ta' dan messaggi bil-mobajl li jevidenzjaw li x-xoghlijiet kienu ghaddejjin fil-31 ta' Mejju 2015 u li dawn kienu ser jitlestew l-ghada l-1 ta' Gunju, 2015 (fol. 152). Min-naha tieghu l-attur fil-kontro-ezami sahansitra jammetti wkoll li anki kanna ohra mhaffra fil-hajt u li twassal l-ilma ghal go l-isqaq (adjacenti ghall-proprjeta' tal-konvenuti u li minnu kienet tghaddi wkoll l-attrici – ara ritratt a fol. 150 tal-process) kienet ilha hemm izda hu ma kienx jaf ghalxiex kienet (fol. 211).

Illi da parti taghha l-attrici Antonia Formosa qatt ma attendiet dawn il-proceduri u fil-mori tal-proceduri anki giet interdetta u l-attur l-iehor nominat kuratur taghha mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. L-attur John Azzopardi stess jammetti li hija ilha ma tersaq lejn il-fond mill-anqas sentejn mix-xheda tieghu. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-hajt in kwistjoni kif jidher fir-ritratti a fol. 6 tal-process jifred il-bitha tal-konvenuti mill-isqaq li fil-mori tal-kawza rrizulta wkoll li anki fuqu hemm pendenzi bejn il-partijiet stante li l-atturi jsostnu li huwa ta' Antonia Formosa biss filwaqt li l-konvenuti jsostnu li ghandhom proprjeta' ta' nofsu u dritt ta' passagg fil-bqija sabiex jaslu ghall-ispiera. Dwar dawn il-pendenzi anki kien hemm proceduri ta' ragion fattasi kontra l-attur John Azzopardi li partijiet minnhom fosthom id-decizjoni gew esebiti fl-atti odjerni (fol. 155 et seq u fol. 326 et seq). Parallel mal-hajt in kwistjoni hemm hajt iehor li jaghti ghall-proprjeta' tal-attrici. Da parti tieghu l-attur isostni li l-pussess tieghu jidderiva mill-fatt li huwa jiehu hsieb lill-Antonia Formosa u li huwa spiss imur jittawwal fil-proprjeta' taghha sabiex jara li kollox ikun sew. Il-Qorti nnotat li ghalkemm l-attur John Azzopardi fir-rikors guramentat isostni li l-pajp twehhel fis-7 ta' Gunju, 2015 mill-kontro-ezami tieghu rrizulta li ma kienx daqshekk cert mid-data u li skont hu qed jassumi li sar f'dak it-tmiem il-gimgha ghaliex il-konvenuti jitilghu f'din il-proprjeta' fit-tmiem il-gimgha stante li huma Maltin. Li ma zammx f'mohhu l-attur izda qabel ma prezenta l-kawza u ha l-gurament fuq dak li dehrlu hu kien li l-pajp in kwistjoni tkisser u nbidel mill-haddiema tal-konvenuti u mhux mill-istess konvenuti u li dawn ix-xoghlijiet saru qabel dik il-gurnata u cioe' kif ikkonferma Simon Camilleri fl-1 ta' Gunju, 2015.

Illi huwa evidenti lil din il-Qorti minn qari u analizi tal-atti kollha (nkluz ix-xhieda kollha) li meta l-attur ra li l-provi fil-kawza dehru li qed jiffavorixxu t-tezi tal-konvenuti, huwa wasal sabiex ipprezenta, fi stadju tal-provi tieghu maghluqa ritratti li allegatament juru hofra fil-hajt li minnha jghaddi l-ilma ghal fuq il-hajt in kwistjoni izda mhux il-pajp

jisporgi 'l barra. Allegatament skont l-attur dawn ittiehdu fis-sena 2013. Din il-Qorti izda tqis li l-attur John Azzopardi ma xehedx il-verita' quddiem din il-Qorti u ghalhekk ghandha d-dubji taghha dwar il-veracita' ta' dawn ir-ritratti. Il-Qorti tinnota whud mill-punti li jwassluha sabiex ma temminx il-versjoni tal-attur u cioe' l-fatt li dawn ir-ritratti ma gewx esebiti fi stadju tal-provi tieghu meta suppost dawn ittiehdu fis-sena 2013 u ghalhekk kienu a disposizzjoni tieghu biex jesebihom, il-fatt illi l-attur meta prezentahom permezz ta' nota jaghti x'jifhem li r-ritratti esebiti fl-atti kollha hadhom hu mbaghad jirrizulta fil-kontro-ezami tieghu li dejjem skont hu dawn hadhom huh li lanqas tressaq jixhed f'dawn il-proceduri (ara l-kontro-ezami tieghu a fol. 318 et seq) bil-camera ta' huh ghax hu ma jafx jiehu ritratt. Il-fatt li dawn ir-ritratti ttiehdu f'perjodu fejn l-attur fi proceduri ohra li izda gew esebiti fl-atti (*il-proceduri ta' ragion fattasi gia msemmija aktar 'il fuq)* kien qed jixhed bil-gurament li hu ma harigx mid-dar ghax kien qed jirkupra minn operazzjoni filwaqt li b'kuntrast kbir quddiem din il-Qorti xehed li ghall-quddies f'dak il-perjodu anki b'sieq wahda kien johrog. L-attur ukoll jitfixkel fid-dati tar-ritratti esebiti minnu stess annessi mar-rikors guramentat (ara l-kontro-ezami tieghu). Sahansitra meta kkonfrontat bir-ritratt NS 3 li evidentement juri l-pajp in kwistjoni mwahhal snin ilu jibda jlaqlaq u jsib l-iskuza li mhux qed jaghrfu (ara fol. 191). Il-Qorti fic-cirkustanzi ta' bdil fil-versjonijiet skont kif jaqbillu u xhieda tal-attur li tikkontradixxi lilu nnifsu ma tqisx li l-attur huwa xhud affiddabbli u tiddikjara minghajr tlaqliq li mihijiex qed temmen il-versjoni tieghu tal-fatti. Il-Qorti wkoll ghandha d-dubji taghha fuq ix-xhieda ta' Lawrence Tabone (fol. 93 et seq u 313 et seq) li jghid li ma rax il-pajp f'Mejju, kemm ghaliex fil-kontro-ezami rrizulta dubju serju meta huwa mar fuq is-sit stante li ma jiftakarx jekk rax il-koppla ta-hgieg jew le meta mir-ritratti huwa evidenti li dan kien dettal li mhux facilment wiehed ma jarahx kif ukoll ghaliex jirrizulta li huwa ghandu nteress li jixtri l-proprjeta' tal-atturi u ghalhekk zgur ma jistax jitqies bhala xhud imparzjali.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti, apparti x-xhieda taghhom, tas-sid precedenti Romain Steven korroborata bir-ritratti u tal-haddiem Simon Camilleri ressqu wkoll bhala korroborazzjoni tal-versjoni taghhom l-affidavit ta' Maria Dolores Cutajar (fol. 175 et seq) li kkonfermat li fil-post kien hemm il-pajp u l-kanal (dorga) kif jidher fir-ritratt NS 3.

Illi din il-Qorti tqis li l-versjoni veritiera f'din il-kawza ta' spoll hija dik tal-konvenuti u cioe' li l-pajp in kwistjoni kien ilu mwahhal zmien twil kif

sahansitra jidher mir-ritratt NS 3 u li kulma gara fl-1 ta' Gunju, 2015 huwa li dan gie rimpjazzat stante li nkiser waqt ix-xoghlijiet fuq il-koppla li tidher fir-ritratti a fol. 151 tal-process. Din il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-konvenuti fin-nota taghhom li l-bidla tal-pajp *per se* bejn wiehed dritt li johrog aktar 'il barra u jwassal l-ilma ghall-kanal u iehor aktar qasir izda kif imdawwar xorta jwassal l-ilma ghall-istess kanal fuq il-hajt li almenu nofsu zgur huwa proprjeta' taghhom, b'tali mod li s-sitwazzjoni kif kienet qabel baqghet ezistenti bl-ilma tal-veranda jasal fil-kanal fil-hajt, bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhal spoll stante li l-konvenuti ghandhom dritt jaghmlu li jridu fil-proprjeta' taghhom inkluz manutenzjoni jew bdil ta' pajpijiet li jistghu biz-zmien jiddeterjoraw jew jinkisru.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista'

jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet **Delia vs Schembri** (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Franċizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna'*(Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]':

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li proprio jmur kontra l-persuna spoljata'[4]*

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'[5]*

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti ndipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002) il-Prim'Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta'

---

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Mertu**

Illi fil-mertu, din il-Qorti tqis li l-kawza tal-atturi tippekka fir-rekwiziti neccessarji sabiex tirnexxi kawza ta' spoll.

Illi jirrizulta prvuat lil din il-Qorti li l-pajp in kwistjoni gie rimpjazzat (u mhux sar gdid) fl-1 ta' Gunju, 2015 filwaqt li l-kawza giet intavolata fil-5 ta' Awwissu, 2015 u cioe' oltre t-terminu ta' xahrejn impost mil-ligi. Stante n-nuqqas ta' dan l-element neccessarju ghas-success ta' kawza ta' spoll din il-kawza gia tista' tieqaf hawn u tigi michuda.

Illi izda jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li mhux minnu li sehh xi att spoljattiv da parti tal-konvenuti stante li kulma sar kien li gie rimpjazzat pajp li gia kien ezistenti li tkisser u ghalhekk lanqas l-element ta' *spoliatum fuisse* ma huwa sodisfatt f'dawn il-proceduri.

Illi finalment dwar il-pussess la darba jirrizulta li l-pajp in kwistjoni kien ilu hemm snin, certament ma jistax jitqies li l-atturi b'xi mod seta' kellhom xi bdil fil-pussess taghhom bis-semplici rimpjazz tal-pajp. In oltre l-hajt in kwistjoni anki jekk l-atturi kellhom ghall-grazzja tal-argument jitqiesu li kellhom il-pussess tieghu, jirrizulta li dan il-pussess mhux wiehed esklussiv ghall-atturi izda huwa wiehed kongunt mal-konvenuti li ma hemmx dubju li huma sidien tal-hajt in kwistjoni li jifred il-proprjeta' taghhom minn mal-isqaq.

Illi din il-Qorti ghalhekk la darba sabet li mill-anqas kemm l-element tal-*infra bimestre deduxisse* kif ukoll tal-*ispoliatum fuisse* huma evidentement nieqsa f'dawn il-proceduri, u ghalhekk m'ghandix ghazla ghajr li tghaddi

sabiex tichad it-talbiet attrici, ma tqisx li hemm lok li tidhol fl-eccezzjonijiet l-ohra mqajjma mill-konvenuti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, fic-cirkustanzi tastjeni milli tiehu decizjoni fuq l-eccezzjonijiet rimanenti, tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur